TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 122/11

**Kristian Sylvest Jokgensen u Claire Portelli**
**vs**
**Maltaticket.com & NNG Promotions**

Illum 27 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti erba' biljetti ta' kunċert li ġie pospost minħabba li t-temp kien ħażin u ma sarx.

L-intimati ma ppreżentawx risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw erba' biljetti għall-kunċert li kien fl-24 ta' Lulju, 2010, u minħabba l-maltemp dan il-kunċert ġie pospost għal data oħra. Peress illi l-ġenituri tar-rikorrenti kienu se jkunu msiefrin f'dik il-ġurnata li ġie postpost u għalhekk ma setgħux jattendu. Huma kienu kellmu lil rappreżentant tas-soċjeta' intimata fejn kienu qalulhom sabiex jippreżentaw id-dettalji tal-ajruplan u jieħdu r-refund tal-biljetti tal-kunċert.

Minkejja li għamlu sforz sabiex jikkuntattjawhom, dawn qatt ma tħallsu lura.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimati ma ippreżentawx risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendew għas-seduta minkejja li debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjħa tliet darbiet baqgħu ma dehrux.

Wara li sema' lir-rikorrenti, t-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli, aċċettabli u ġustifikabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjetajiet intimati in solidum iħallsu is-somma ta' sitt mitt ewro (€600), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetajiet intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**